MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2009

Talba Numru. 212/2008

**Mobile Media Limited (C-37889)**

**vs**

**Malta Music Festivals Limited (C-42077)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tas-socjeta' attrici li talbet lil dan it-Tribunal jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' elf, tlett mija u wiehed u hamsin Euro u erbghin centezmu (€1,351.40) jew l-ekwivalenti ghal hames mija u tmenin lira Maltin u sittax-il centezmu (Lm580.16), li jirrapprezenta bilanc ta' prezz ta' servizzi rezi lis-socjeta' konvenuta, bejn il-hdax ta' Ottubru elfejn u sebgha (11/10/2007) u t-tnejn ta' Novembru elfejn u sebgha (02/11/2007), mis-socjeta' attrici u li saru fuq inkarigu ta' l-istess socjeta' konvenuta, liema bilanc ta' prezz huwa dovut lis-socjeta' attrici u dan skond il-fattura esebita.

Illi, minkejja diversi interpelazzjonijiet ghal hlas, dan l-ammont baqa' ma thallasx u ghadu dovut.

Bl-ispejjez inkluz tal-ittra ufficjali ta' Dicembru, 2007.
Illi s-socjeta' konvenuta debitament notifikata baqghet ma pprezentat ebda risposta u lanqas ma pproduciet il-provi taghha.

Ra li Dr Mark Mifsud Cutajar in rappresentanza tas-socjeta' attrici jikkonferma li l-ammont kien ghadu dovut.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici, bl-ispejjes kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------